L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# ĊES 22 Sillabu

## Il-Malti

**2026**

Aġġornat Lulju 2024

**Addendum fis-Sillabu tal-MATSEC**
**Għas-sena 2026**

# ĊES 22 Il-Malti

| Aġġornament fil-karta tal-eżami |
|---|
| Għas-sessjonijiet tal-2025 u l-2026 biss, kemm dik Prinċipali kif ukoll Supplementari, il-Bord tal-MATSEC iddeċieda li għat-taqsima tal-Letteratura, se joħorġu mistoqsijiet fuq il-ktieb 'Bejn Ħaltejn' u l-kandidat jista' jwieġeb lilhom minflok il-mistoqsijiet fuq il-ktieb 'Hemm Art fil-Folja'.<br><br>**Il-karta tal-eżami tal-2026 se tkun b'dan il-format li ġej:**<br>Fl-ewwel Karta Controlled (livell 1-2-3), fit-Taqsima D tal-Letteratura, apparti r-referenza għall-kuntest fuq il-ktieb 'Hemm Art fil-Folja' kif jindika s-sillabu u l-karta mudell, se jkun hemm ukoll referenza għall-kuntest fuq test letterarju minn 'Bejn Ħaltejn'. Dan l-eżerċizzju bħal dak ta' 'Hemm Art fil-Folja' se jkollu 7 mistoqsijiet, bl-aħħar mistoqsija tkun tirrikjedi tweġiba ta' 100 kelma. It-taqsima se tkun ta' 20 marka skont kif diġà jindika s-sillabu.<br><br>Fit-Tieni Karta Controlled (livell 1-2), fit-Taqsima D tal-Letteratura, it-taħriġ fuq test mhux imħejji li jiswa 10 marki se jibqa' kif inhu għall-kandidati kollha kif jindika s-sillabu u l-karta mudell. Fil-komponiment letterarju apparti 2 mistoqsijiet fuq 'Hemm Art fil-Folja' se jkun hemm ukoll 2 mistoqsijiet fuq 'Bejn Ħaltejn' fejn il-kandidat irid jagħżel titlu 1 u jikteb 150 kelma. Il-komponiment letterarju se jkollu wkoll 12-il marka xorta waħda.<br><br>Fit-Tieni Karta Controlled (livell 2-3), fit-Taqsima D tal-Letteratura, it-taħriġ fuq test mhux imħejji li jiswa 10 marki se jibqa' kif inhu għall-kandidati kollha kif jindika s-sillabu u l-karta mudell. Fil-komponiment letterarju apparti 2 mistoqsijiet fuq 'Hemm Art fil-Folja' se jkun hemm ukoll 2 mistoqsijiet fuq 'Bejn Ħaltejn' fejn il-kandidat irid jagħżel titlu 1 u jikteb 200 kelma. Il-komponiment letterarju se jkollu wkoll 12-il marka xorta waħda. |

# Il-Werrej

L-Introduzzjoni ........ 3

Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim ........ 4

Il-Komponenti tas-Suġġett ........ 5

Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm ........ 5

Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar ........ 6

L-Iskema tal-Assessjar ........ 22

L-Appendiċi ........ 25

# L-Introduzzjoni

Dan is-sillabu huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-kurrikulu msemmija fil-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF), li ssarraf f'liġi fl-2012. Is-sillabu huwa mfassal bl-użu tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, li jidentifika l-istudenti x'għandhom ikunu jafu u x'jistgħu jilħqu sat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja.

Bħala sillabu li huwa bbażat fuq il-kisbiet mit-tagħlim, jindirizza l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti kollha u jirrakkomanda edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti minn strateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja. Dan jassigura li t-tfal kollha jkunu jistgħu jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex 'il quddiem isiru ċittadini attivi u jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż u l-orjentazzjoni sesswali. Dan is-sillabu jipprovdi opportunitajiet ġusti għall-istudenti kollha sabiex jilħqu kisbiet edukattivi sa tmiem il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dan jippermettilhom li jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja, inaqqsu r-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola u jassiguraw li l-istudenti kollha jiksbu l-kompetenzi ewlenin tas-seklu wieħed u għoxrin.

Dan il-programm jinkludi wkoll kisbiet ta' tagħlim relatati ma' temi kurrikulari wiesgħa, jiġifieri l-litteriżmu diġitali; id-diversità; il-kreattività u l-innovazzjoni tal-intraprenditorija; l-iżvilupp sostenibbli u t-tagħlim u l-litteriżmu kooperattiv. B'dan il-metodu, l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu b'mod sħiħ il-ħiliet, l-għarfien, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex javvanzaw fit-tagħlim, fix-xogħol, fil-ħajja u fiċ-ċittadinanza.

**X'inhu s-suġġett u kif huwa relatat ma' ħajjet il-kandidati, ma' Malta, u/jew mad-dinja?**

Il-Malti, il-lingwa nazzjonali tagħna, huwa suġġett ewlieni u essenzjali fis-sistema edukattiva tagħna. Il-Malti huwa mezz komunikattiv u interattiv li jħaddan fih komunità waħda b'realtajiet diversi, u jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar skont il-milja taż-żmien. Permezz tal-Malti, l-istudenti se jkomplu jwessgħu l-esperjenza skolastika tagħhom fl-iżvilupp personali, kemm bħala individwi kif ukoll bħala ċittadini Maltin u Ewropej. Bil-Malti se jkomplu jwessgħu u jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u b'hekk ikunu aktar imħejjija li jaqbdu opportunitajiet differenti ta' impjiegi. Il-metodoloġija li għandha titħaddem fit-tagħlim tal-kisbiet mit-tagħlim ta' dan is-sillabu hija li jien nitgħallem billi nagħmel u nipparteċipa b'mod attiv.

Dan is-sillabu jibni fuq żvilupp ta' għarfien, ħiliet, oqsma, kompetenzi u attitudnijiet li kull student, fi tmiem l-edukazzjoni obbligatorja tiegħu, għandu jkun mogħni bihom. Il-kisbiet ewlenin tas-sillabu jorbtu mal-qasam tal-iżvilupp tal-lingwi.

**Fiex jikkonsisti l-istudju ta' dan is-suġġett?**

Il-qafas jikkonsisti fi ħmistax-il kisba mit-tagħlim mifruxa taħt l-erba' ħiliet u żewġ oqsma tal-lingwa. Taħt kull kisba hemm kriterji tal-assessjar li fuqhom jinbena l-materjal għall-SBA u l-Controlled, li se jinfirxu tul it-tliet snin tal-programm edukattiv.

L-għanijiet ta' dan il-programm ta' kisbiet mit-tagħlim għal dan is-suġġett huma:

1. It-tħaddim tal-lingwa f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni u l-interazzjoni.
2. Il-ħila komunikattiva skont ir-reġistru u l-forma li tkun titlob is-sitwazzjoni.
3. It-tħaddim u l-analiżi tal-lingwa b'mod preċiż.
4. L-għarfien u l-apprezzament ta' testi letterarji.

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

1. Nikkomunika tajjeb bil-Malti f'kuntesti varji u udjenzi differenti li nista' niltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum;
2. Inħaddem l-erba' ħiliet u żewġ oqsma tal-lingwa b'mod effettiv, tajjeb u li jagħmilni membru attiv fis-soċjetà li ngħix fiha;
3. Naħdem u nipparteċipa fiċ-ċrieki differenti li ngħix fihom fis-soċjetà tal-lum;
4. Inkompli nistudja aktar 'il quddiem billi nkun ksibt l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet meħtieġa biex nibqa' nitgħallem tul ħajti kollha;
5. Napprezza aspetti kulturali, letterarji, politiċi u soċjali, fost l-oħrajn, u niżviluppa ġudizzji personali għalihom, u hekk inkun ċittadin attiv fl-oqsma kollha tal-ħajja ta' madwari.

# Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

Kisba 1. Nuża l-lingwa biex inwassal l-informazzjoni.

Kisba 2. Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni skont il-kuntest u l-udjenza.

Kisba 3. Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.

Kisba 4. Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri.

Kisba 5. Nagħraf l-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-tekniki differenti li jħaddmu l-kittieba biex isawru ġeneru ta' kitba.

Kisba 6. Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb.

Kisba 7. Infassal il-kitba tiegħi skont l-istadji ewlenin tal-proċess tal-kitba.

Kisba 8. Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji.

Kisba 9. Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti.

Kisba 10. Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba.

Kisba 11. Nidentifika ġeneri differenti letterarji.

Kisba 12. Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji.

Kisba 13. Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji.

Kisba 14. Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji.

# Il-Komponenti tas-Suġġett

1. It-Taħdit
2. Is-Smigħ
3. Il-Qari
4. Il-Kitba
5. Il-Metalingwa
6. Il-Letteratura

# Id-Deskritturi tal-Livell tal-Programm

Dan is-sillabu jistabbilixxi l-kontenut u l-metodu tal-assessjar għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-**MALTI** f'Livell 1, 2 jew 3. It-tagħlim ta' dan il-programm jibda minn Settembru 2022. L-ewwel ċertifikati joħorġu fis-sena 2025.

It-tabella li jmiss tirreferi għal-livelli li l-kandidati jistgħu jiksbu meta jagħmlu l-eżamijiet taċ-ĊES. Dawn huma spjegazzjonijiet ġeneriċi li jiddeskrivu l-kumplessità u sa fejn iwassal kull livell sabiex il-kandidati jiksbu ċertifikat ta' llivell 1, 2 jew 3 fil-Malti. (L-inqas livell huwa Livell 1 u l-ogħla livell huwa Livell 3).

| |
|---|
| **Livell 1**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi bażiċi fis-suġġett bħal ħiliet komunikattivi bażiċi u l-ħila li jsegwu istruzzjonijiet sempliċi b'għan li jitlesta l-eżerċizzju mogħti. L-eżerċizzji se jinkludu għajnuna. |
| **Livell 2**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi tajbin fis-suġġett bħall-interpretazzjoni ta' informazzjoni u ideat mogħtija. Il-kandidati se jkunu żviluppaw il-ħila li jaħdmu eżerċizzji kumplessi. L-eżerċizzji se jinkludu ftit għajnuna. |
| **Livell 3**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati, b'mod awtonomu, se jkunu kapaċi japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'varjetà ta' eżerċizzji kumplessi. Il-kandidati se jħaddmu l-ħila tal-ħsieb kritiku biex janalizzaw, jevalwaw u jirriflettu fuq xogħolhom u xogħol ħaddieħor. Eżerċizzji kumplessi, li fihom il-kandidati jridu jagħtu soluzzjoni, jaf ikunu parti mill-proċess tal-assessjar. |

# Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar

| L-Aspett tas-Suġġett: | It-Taħdit |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 1:<br><br>Karta II | Nuża l-lingwa biex inwassal l-informazzjoni. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 1.1a Nagħmel xi talbiet jew mistoqsijiet ħfief biex nikseb it-tagħrif meħtieġ f'kuntesti varji tal-ħajja ta' kuljum billi nuża reġistri ta' taħdit formali, edukat u pulit.<br><br>*Eż. biex nikseb informazzjoni storika fuq post prominenti fir-raħal/belt tiegħi jew tagħrif bijografiku għal xi intervista.* | 1.2a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet biex nikseb it-tagħrif li neħtieġ billi naddatta l-livell ta' formalità fit-taħdit tiegħi skont is-sitwazzjoni, il-kuntest u l-udjenza.<br><br>*Eż. nitlob informazzjoni fuq id-drittijiet tiegħi bħala konsumatur, u l-bqija.* | 1.3a Nagħmel talbiet u mistoqsijiet b'reqqa biex nikseb tagħrif iddettaljat, bħal meta nitlob informazzjoni fuq suġġetti u proċessi ġodda li jkunu jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' dettalji.<br><br>*Eż. indaħħal applikazzjoni għal xogħol u d-dokumenti/ il-formoli li nibgħat.* |
| 1.1b Nitkellem fuqi nnifsi, fuq il-familja tiegħi u l-ambjent li ngħix fih. | 1.2b Nitkellem fuq għadd ta' ġrajjiet kurrenti li nkun qrajt jew smajt fil-ġurnali jew fl-aħbarijiet ta' kuljum. | 1.3b Nitkellem fuq okkażjonijiet formali/informali u soċjali. |
| 1.1ċ Nagħmel preżentazzjoni orali qasira, wara li naqra test fattwali, biex nuri li fhimtu. | 1.2ċ Nagħmel preżentazzjoni orali li tista' tkun bl-għajnuna ta' mezzi teknoloġiċi, drama, kant jew arti espressiva, fuq suġġett speċifiku mhux tal-għażla tiegħi wara li nkun fittixt u rriċerkajt fuqu. | 1.3ċ Nagħmel preżentazzjoni orali fejn nippreżenta t-tagħrif, ir-riċerka u l-ideat tiegħi f'ambjent li fih is-semmiegħa jkunu mistiedna u jħossuhom komdi li jistaqsuni biex niċċaralhom xi punti u hekk jifhmu aħjar. |
| 1.1d Nippreżenta diversi punti għal taħdita. | 1.2d Nagħti taħdita ppjanata b'mod individwali. | 1.3d Nagħti taħdita ddettaljata. |
| 1.1e Nitkellem quddiem udjenza, waħdi jew m'oħrajn, fuq xi avvenimenti/elementi ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija. | 1.2e Nesponi minn angoli u pożizzjonijiet differenti temi ta' interess ġenerali.<br><br>*Eż. id-divertiment, l-ivvjaġġar, iż-żgħożija, id-dinja tax-xogħol, l-ambjent, il-politika, u nispjega l-impatt li* | 1.3e Nitkellem wara li nkun irriċerkajt fuq il-kultura Maltija fil-kuntest ta' kulturi Mediterranji u Ewropej oħra. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| *Eż. l-ikel, il-festi, ix-xogħlijiet u s-snajja' ta' lbieraħ u tal-lum, l-ambjent, l-istorja u l-leġġendi.* | *dawn għandhom fuqi bħala individwu kif ukoll fuq is-soċjetà ta' madwari.* | *Eż. il-lingwa, il-migrazzjoni, l-ikel, l-istorja, drawwiet u tradizzjonijiet.* |
| 1.1f Nitkellem mill-perspettiva tiegħi dwar topik partikolari. | 1.2f Ngħid jekk naqbel jew ma naqbilx ma' perspettiva/i ppreżentata/i minn kelliema oħra f'diskussjoni. | 1.3f Ngħid fi kliemi l-perspettivi differenti li tqajmu waqt id-diskussjoni. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **It-Taħdit** |
| **Kisba mit-Tagħlim 2:**<br><br>**Karta II** | Nitkellem b'korrettezza u preċiżjoni skont il-kuntest u l-udjenza. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 2.1a Nitkellem ċar u ninftiehem tajjeb bi pronunzja tajba, vuċi ċara, ton, ġesti u bi ftit espressjonijiet, b'mod li s-semmiegħ jifhem. | 2.2a Nitkellem b'mod mexxej u espressjoni idjomatika tajba, ħeffa naturali f'kull kuntest li fih nitkellem. | 2.3a Nitkellem b'kunfidenza, b'addattament xieraq fi kliemi, b'artikulazzjoni u tlissin sewwa tal-kliem skont il-kuntest u l-għan tal-komunikazzjoni. |
| 2.1b Nuża kliem sempliċi u dirett marbut mal-ħajja u l-esperjenzi tiegħi. | 2.2b Nuża kliem ċar u preċiż billi nagħraf inqabbel il-kontenut li ngħid mal-kuntest. | 2.3b Nuża kliem preċiż u varjat skont kif jitlob il-kuntest, bi stil/i u reġistru/i differenti, b'mod kunfidenti f'okkażjonijiet formali/informali. |
| 2.1ċ Nagħżel kliem xieraq biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni. | 2.2ċ Nagħżel kliem, espressjonijiet u ġesti xierqa biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni; b'hekk inwassal il-punt tiegħi b'aktar qawwa biex nikkonvinċi lill-udjenza. | 2.3ċ Nuża l-frażijiet it-tajba u kliem muftieħ b'intervent fid-diskussjoni, kif ukoll nagħti l-fehma tiegħi fil-mument opportun u skont il-kuntest, b'rabta ma' dak li jkun qed jiġi diskuss. |
| 2.1d Inwassal diskors sempliċi u nsemmi xi dettalji marbutin mas-suġġett mogħti. | 2.2d Nagħti bil-fomm il-livell meħtieġ ta' dettall f'dak li ngħid u nżomm dejjem mas-suġġett, wara li nagħraf u ngħarbel il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza. | 2.3d Nuża firxa wiesgħa ta' lessiku u strutturi sintattiċi kumplessi biex nikkomunika kunċetti varji, filwaqt li naddatta l-livell ta' formalità tal-lingwa u l-istil tat-taħdit skont l-udjenza u l-kuntest. |
| 2.1e Nesprimi l-fehma tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba. | 2.2e Nesprimi xi fehmiet bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. | 2.3e Nesprimi għadd ta' fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, u b'intonazzjoni tajba. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Is-Smigħ** |
| **Kisba mit-Tagħlim 3:**<br><br>**Karta I** | Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Insegwi diskursata qasira u sempliċi. | 3.2a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku kumpless. | 3.3a Insegwi diskursata li għandha kuntest tematiku u lessiku tekniku. |
| 3.1b Insegwi test waqt li nikteb fil-qosor xi dettalji li nkun smajt. | 3.2b Insegwi test waqt li ninterpreta fil-qosor il-kontenut li nkun smajt.<br><br>*Eż. avviż, istruzzjoni, direzzjoni, bijografija, ġrajja, rakkont, rapport, aħbar, reklam, dokumentarju, ċifra, statistika, kanzunetta.* | 3.3b Insegwi test waqt li nevalwa l-kontenut li nkun smajt billi nagħti wkoll il-ġudizzju tiegħi. |
| 3.1ċ Nagħżel it-tifsira ta' lessiku bażiku skont kif użat fil-kuntest. | 3.2ċ Nagħti t-tifsira ta' għażla wiesgħa ta' lessiku użat f'test. | 3.3ċ Nanalizza l-użu ta' varjetà wiesgħa ta' lessiku użat f'test. |
| 3.1d Nagħraf ideat jew punti ġenerali f'test dwar tema familjari. | 3.2d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi f'test dwar temi familjari u mhux. | 3.3d Nagħraf ideat jew punti speċifiċi kif ukoll espressjonijiet idjomatiċi/figurattivi f'test dwar varjetà ta' temi. |
| 3.1e Nidentifika t-ton, il-vuċi u l-ġesti mħaddmin fil-ħajja ta' kuljum. | 3.2e Niddistingwi t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti differenti mħaddmin f'diskorsi formali u informali.<br><br>*Eż. ton ironiku u sarkastiku.* | 3.3e Nanalizza l-effett li jħallu t-tonijiet, il-vuċijiet u l-ġesti ta' firxa wiesgħa ta' diskorsi bil-kitba. |
| 3.1f Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali. | 3.2f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti. | 3.3f Inwieġeb mistoqsijiet differenti fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti. |
| 3.1ġ Nisma' fehma waħda waqt li nqabbilha ma' tiegħi. | 3.2ġ Nisma' għadd ta' fehmiet waqt li nifhem kif jirrelataw ma' xulxin. | 3.3ġ Nifhem fehmiet differenti waqt li nifhem kif jirrelataw flimkien, u nesprimi l-fehma tiegħi. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Qari** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 4:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Nagħraf it-tifsira tal-kliem misjub f'test moqri. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1a Nersaq viċin it-tifsira ta' kliem sempliċi misjub f'test/i dwar suġġetti fil-ħajja ta' kuljum. | 4.2a Nagħti t-tifsira ta' kliem u frażijiet misjuba f'testi dwar suġġetti ta' interess ġenerali. | 4.3a Nagħti t-tifsira ta' kliem u frażijiet skont il-kuntest f'testi speċjalizzati. |
| 4.1b Nasal għal tifsira ta' kliem u espressjonijiet skont il-kuntest. | 4.2b Nispjega reġistru mislut mill-ħajja ta' kuljum. | 4.3b Nispjega reġistru tekniku/akkademiku. |
| 4.1ċ Nabbina t-tifsira ta' dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba qabel. | 4.2ċ Nislet it-tifsira ta' dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba qabel u wara. | 4.3ċ Nispjega t-tifsira ta' dettalji speċifiċi (deissi) skont l-informazzjoni misjuba lil hinn mit-test. |
| 4.1d Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq lessiku misjub f'test. | 4.2d Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq lessiku misjub f'test. | 4.3d Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq lessiku misjub f'test. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Qari |
| --- | --- |
| Kisba mit-Tagħlim 5:<br><br>Karta I u Karta II | Nagħraf l-istruttura, l-organizzazzjoni, u t-tekniki differenti li jħaddmu l-kittieba biex isawru ġeneru ta' kitba. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
| --- | --- | --- |
| 5.1a Naqra test b'lingwa sempliċi. | 5.2a Naqra test b'lingwa użata ta' spiss u ta' kuljum. | 5.3a Naqra test twil u kumpless. |
| 5.1b Nagħmel lista bil-punti ewlenin f'test sempliċi. | 5.2b Nifred il-punti ewlenin minn dawk sekondarji f'test kumpless biex insawwar taqsira bihom. | 5.3b Insawwar taqsira bil-punti ewlenin misjuba f'test twil u aktar kumpless. |
| 5.1ċ Nagħraf ir-relazzjoni bejn it-test u xi stampa/i b'rabta miegħu. | 5.2ċ Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn it-test u l-viżwal b'rabta miegħu. | 5.3ċ Nispjega r-relazzjoni bejn partijiet mit-test u xi informazzjoni rappreżentata b'mod grafiku dwaru. |
| 5.1d Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test sempliċi. | 5.2d Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test twil. | 5.3d Nislet evidenza minn test twil u kumpless, id-distinzjoni bejn fatt u opinjoni, u dak li hu implikat bejn il-linji. |
| 5.1e Nidentifika l-preġudizzju tal-kittieb/a. | 5.2e Nislet evidenza dwar il-preġudizzju li ssaħħaħ il-konklużjoni tiegħi. | 5.3e Nagħraf l-istrateġiji li jħaddem il-kittieb/a biex jaffettwa lill-qarrejja. |
| 5.1f Nidentifika xi tekniki bażiċi li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' test sempliċi. | 5.2f Nidentifika xi tekniki f'test li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' test twil. | 5.3f Nikkummenta fuq l-effett li għandhom għadd ta' tekniki li jagħtu identità lill-istruttura u l-organizzazzjoni f'test twil u kumpless. |
| 5.1ġ Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq test. | 5.2ġ Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq test. | 5.3ġ Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq test. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Qari** |
| **Kisba mit-Tagħlim 6:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Nagħraf il-funzjoni tat-test moqri skont l-iskop u l-udjenza li għalih inkiteb. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 6.1a Insib silta fuq suġġett li nixtieq naqra dwaru. | 6.2a Nidentifika silta b'rabta ma' tema f'sorsi differenti *bħal siti elettroniċi, kotba, u enċiklopediji*. | 6.3a Nevalwa r-relevanza ta' silta dwar tema li nixtieq naqra dwarha. |
| 6.1b Naqra kitba b'leħen ċar skont il-punteġġjatura bażika fiha. | 6.2b Naqra kitba bis-sens u b'mod espressiv skont l-għeliem tal-punteġġjatura. | 6.3b Naqra b'intonazzjoni tajba skont karatteristiċi differenti tal-kitba. |
| 6.1ċ Nidentifika l-udjenza ta' test sempliċi. | 6.2ċ Nidentifika l-udjenza ta' test kumpless. | 6.3ċ Nispjega għal min hu miktub test twil u kumpless billi nislet karatteristiċi minnu. |
| 6.1d Nidentifika l-funzjoni ewlenija ta' test sempliċi. | 6.2d Nagħraf il-funzjoni u l-iskop ta' test kumpless. | 6.3d Nispjega l-funzjonijiet u l-iskopijiet ta' test aktar kumpless billi nislet eżempji minnu. |
| 6.1e Inwieġeb mistoqsijiet diretti fuq test. | 6.2e Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali fuq test. | 6.3e Inwieġeb mistoqsijiet evalwattivi fuq test. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Kitba |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 7: Karta I u Karta II | Infassal il-kitba tiegħi skont l-istadji ewlenin tal-proċess tal-kitba. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 7.1a Infassal pjan bażiku skont it-tema mogħtija. | 7.2a Infassal pjan skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3a Infassal pjan mirqum skont il-ġeneru u t-tema mogħtija li jgħinni fil-kitba tiegħi. |
| 7.1b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont il-pjan bażiku. | 7.2b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont il-ġeneru u t-tema mogħtija. | 7.3b Nikteb l-ewwel verżjoni tal-kitba tiegħi skont it-tema mogħtija u li tersaq lejn il-ġeneru magħżul. |
| 7.1ċ Nidentifika t-tibdil lessikali li nixtieq nagħmel fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2ċ Nagħmel il-bidliet sintattiċi b'risq titjib tal-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3ċ Nagħmel il-bidliet fl-organizzazzjoni tal-paragrafi li għamilt fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. |
| 7.1d Nidentifika, bl-għajnuna, il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.2d Nagħmel il-bidliet tal-punteġġjatura, tal-ortografija u tal-grammatika fl-abbozz/i tal-kitba tiegħi. | 7.3d Nagħmel il-bidliet neċessarji biex il-kitba tiegħi tkun koerenti. |
| 7.1e Nikteb il-verżjoni finali billi nsegwi forma. | 7.2e Nikteb il-verżjoni finali bi gwida. | 7.3e Nikteb il-verżjoni finali waħdi. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Kitba** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 8:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Ninqeda bil-kitba biex nilħaq funzjonijiet komunikattivi varji. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 8.1a Nikteb sentenzi f'paragrafi ta' qisien differenti billi norganizzahom skont il-mixja tal-ideat. | 8.2a Norganizza l-informazzjoni u l-ideat minn dak li ktibt b'mod ċar, skont it-tifsila mitluba mill-ġeneru, u li jkollhom kontinwità. | 8.3a Nirranġa dak li ktibt skont is-sekwenza, l-informazzjoni u l-ideat b'mod loġiku u koerenti minn paragrafu għal ieħor, u f'relazzjoni mal-kitba sħiħa. |
| 8.1b Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba narrattiva. | 8.2b Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba narrattiva. | 8.3b Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba narrattiva. |
| 8.1ċ Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. | 8.2ċ Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. | 8.3ċ Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. |
| 8.1d Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba argumentattiva. | 8.2d Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba argumentattiva. | 8.3d Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba argumentattiva. |
| 8.1e Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba espożitorja. | 8.2e Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba espożitorja. | 8.3e Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba espożitorja. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Kitba** |
| **Kisba mit-Tagħlim 9:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Inħaddem Malti tajjeb biex nikteb ġeneri differenti għal udjenza u bi skopijiet differenti. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 9.1a Nikteb, billi nsegwi forma, it-tqassim li jitlob il-ġeneru. | 9.2a Nikteb skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru, bi gwida. | 9.3a Nikteb waħdi skont it-tqassim li jitlob il-ġeneru. |
| 9.1b Nikteb ftit ideat u b’rabta mat-tema. | 9.2b Nikteb għadd ta’ ideat u b’rabta mat-tema. | 9.3b Nikteb ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti. |
| 9.1ċ Nikteb bi ftit rabta bejn il-paragrafi. | 9.2ċ Nikteb b’rabta bejn il-paragrafi, li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta, imma b’sekwenza tajba. | 9.3ċ Nikteb kitba li ssegwi minn parti għall-oħra b’mod naturali u b’sekwenza tajba. |
| 9.1d Nikteb bi stil sempliċi. | 9.2d Nikteb bi stil mexxej u ftit elaborat skont il-ġeneru. | 9.3d Nikteb kitba bi stil mexxej, mirqum u jsegwi tajjeb tul il-ġeneru kollu. |
| 9.1e Nikteb bi ftit espressjonijiet u lessiku. | 9.2e Nikteb għadd ta’ espressjonijiet u firxa ta’ lessiku limitat skont il-kuntest. | 9.3e Nikteb ħafna espressjonijiet mexxejja u b’lessiku wiesa’ skont il-kuntest. |
| 9.1f Nikteb kitba li tersaq lejn kwalità tajba. | 9.2f Nikteb kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità. | 9.3f Nikteb kitba ta’ kwalità u oriġinali ħafna. |
| 9.1ġ Nikteb b’sinjali bażiċi tal-punteġġjatura. | 9.2ġ Nikteb għadd ta’ sinjali tal-punteġġjatura. | 9.3ġ Nikteb is-sinjali kollha tal-punteġġjatura fil-post it-tajjeb. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 9.1g Nikteb sentenzi bażiċi u sempliċi. | 9.2g Nikteb sentenzi komposti. | 9.3g Nikteb varjetà ta' sentenzi kumplessi bla żbalji sintattiċi. |
| 9.1għ Nikteb strutturi grammatikali sempliċi. | 9.2għ Nikteb strutturi grammatikali differenti. | 9.3għ Nikteb strutturi grammatikali kumplessi. |
| 9.1h Nikteb bi strutturi ortografiċi sempliċi. | 9.2h Nikteb bi strutturi ortografiċi differenti. | 9.3h Nikteb bi strutturi ortografiċi kumplessi. |
| 9.1ħ Nikteb b'ton xieraq u tajjeb. | 9.2ħ Nikteb kliem li joħloq burdata partikolari jew emozzjoni. | 9.3ħ Nikteb strutturi kumplessi jew frażijiet idjomatiċi li joħolqu burdata partikolari jew emozzjoni. |
| 9.1i Nikteb b'reġistru informali fil-kitba tiegħi. | 9.2i Nikteb b'mod ġenerali b'reġistru formali fil-kitba tiegħi skont il-ġeneru. | 9.3i Nikteb b'mod konsistenti b'reġistru formali fil-kitba tiegħi skont il-ġeneru. |
| 9.1ie B'għajnuna**,** nistabbilixxi għan meta nikteb. | 9.2ie Nikteb b'għan ċar, bi stil xieraq. | 9.3ie Nikteb b'għanijiet ċari bi stil xieraq matul il-kitba kollha. |
| 9.1j B'għajnuna, nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza ġenerali. | 9.2j Nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza partikolari. | 9.3j Nindirizza l-kitba tiegħi għal udjenza speċifika jew ristretta. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Metalingwa |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 10:<br><br>Karta I u Karta II | Inħaddem kategoriji grammatikali biex ninqeda sew bil-lingwa miktuba. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 10.1a Nidentifika aspetti morfoloġiċi tal-Malti. | 10.2a Ninterpreta aspetti morfoloġiċi tal-Malti. | 10.3a Inħaddem aspetti morfoloġiċi tal-Malti. |
| 10.1b Nidentifika aspetti semantiċi f'silta. | 10.2b Infisser aspetti semantiċi f'silta. | 10.3b Inħaddem aspetti semantiċi f'kitba. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Letteratura |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 11:<br><br>Karta I u Karta II | Nidentifika ġeneri differenti letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 11.1a Nidentifika karatteristiċi f'ġeneri letterarji li naqra. | 11.2a Niddeskrivi l-effett ta' karatteristiċi differenti f'ġeneri li naqra. | 11.3a Nevalwa l-effett ta' karatteristiċi varji f'ġeneri li naqra. |
| 11.1b Nidentifika l-għażla tal-kelma bħala kwalità ewlenija f'test letterarju. | 11.2b Niddeskrivi l-mod kif qed jintuża l-kliem bħala kwalità ewlenija f'test letterarju. | 11.3b Nevalwa kif l-għażla tal-kliem u t-tħaddim tiegħu f'test letterarju jikkontribwixxu għal effett unitarju. |
| 11.1ċ Nidentifika test letterarju skont il-perjodu (Romantiku u Modern) li nkiteb fih minn xi kwalità stilistika distintiva li jkollu. | 11.2ċ Nabbina kwalitajiet stilistiċi ma' perjodi speċifiċi fil-letteratura Maltija (Romantiku u Modern). | 11.3ċ Nevalwa kif kwalitajiet ta' perjodu storiku jipproduċu karatteristiċi stilistiċi partikolari. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Letteratura** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 12:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Napprezza l-funzjoni tat-tema/i f'testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 12.1a Nidentifika l-mod kif in-narratur/narratriċi iħares/tħares lejn suġġett f'test letterarju. | 12.2a Nispjega kif in-narratur/narratriċi j/tħaddem perspettiva (punt di vista) partikolari f'test letterarju. | 12.3a Nanalizza kif in-narratur/narratriċi j/tiżvolġi punti di vista partikolari f'test letterarju. |
| 12.1b Nidentifika t-tema/i ewlenija f'test letterarju. | 12.2b Nidentifika s-sottotema/i f'test letterarju. | 12.3b Nispjega kif tema/i u sottotema/i jiżviluppaw u jinteraġixxu flimkien biex joħolqu effett wieħed u kumpless fil-qarrejja. |
| 12.1ċ Nislet il-vokabularju li jidentifika tema. | 12.2ċ Nikkummenta fuq kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti kundizzjoni/jiet soċjali partikolari. | 12.3ċ Nevalwa kif il-vokabularju b'rabta ma' tema misjuba f'test letterarju jista' jirrifletti epoka/i partikolari. |
| 12.1d Nidentifika t-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jgħixu l-karattri. | 12.2d Nispjega t-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jsibu ruħhom fiha l-karattri. | 12.3d Nistħarreġ it-tip ta' relazzjoni li jkun hemm bejn it-tema, u l-ambjentazzjoni u s-sitwazzjonijiet li jidħlu fihom il-karattri. |
| 12.1e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn tema/i ewlenija u t-titlu magħżul f'test letterarju. | 12.2e Nikkummenta fuq ir-relazzjoni bejn is-sottotema/i u t-titlu magħżul għal test letterarju. | 12.3e Nikkummenta b'mod kritiku fuq ir-relazzjoni bejn it-temi/ u s-sottotema/i u r-relazzjoni mat-titlu magħżul biex jinħoloq effett wieħed u kumpless fil-qarrejja. |
| 12.1f Nidentifika l-mod kif il-kittieb/a jħares/tħares lejn suġġett f'test letterarju. | 12.2f Nispjega kif il-kittieb/a j/tħaddem perspettiva (punt di vista) partikolari f'test letterarju. | 12.3f Nanalizza kif il-kittieb/a j/tiżvolġi punti di vista partikolari f'test letterarju. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | Il-Letteratura |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 13:<br><br>Karta I u Karta II | Nikkummenta b'mod kritiku fuq testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 13.1a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju. | 13.2a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nislet evidenza minnu. | 13.3a Nikkummenta b'mod orali b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu. |
| 13.1b Nitkellem jew nikteb dwar xi xebh (punti ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | 13.2b Nitkellem jew nikteb dwar xi differenzi (punti ta' nuqqas ta' qbil) bejn żewġ testi letterarji. | 13.3b Nitkellem jew nikteb dwar kif l-awturi jiksbu effetti differenti skont it-tħaddim ta' teknikalitajiet varji misjuba f'żewġ testi letterarji. |
| 13.1ċ Niddeskrivi xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.2ċ Niddeskrivi b'lingwa teknika xi kwalitajiet ta' test letterarju. | 13.3ċ Nevalwa l-effett tal-kwalitajiet ta' test letterarju b'lingwa teknika preċiża. |
| 13.1d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju.<br><br>*Eż. poeżija, proża, dramm jew rumanz.* | 13.2d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nislet evidenza minnu. | 13.3d Nikkummenta b'mod kritiku bil-kitba b'rabta ma' test letterarju billi nevalwa evidenza minnu. |
| 13.1e Niddeskrivi kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. | 13.2e Niddiskuti kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. | 13.3e Nanalizza modi kif it-test letterarju jista'/ma jistax jirrelata mal-esperjenza tiegħi. |
| 13.1f Nidentifika aspett bijografiku f'test letterarju. | 13.2f Nispjega aspetti bijografiċi f'test letterarju. | 13.3f Nevalwa l-effetti li joħolqu l-aspetti bijografiċi f'testi letterarji . |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **Il-Letteratura** |
| **Kisba mit-Tagħlim 14:**<br><br>**Karta I u Karta II** | Nanalizza l-elementi stilistiċi li jsawru testi letterarji. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 14.1a Nidentifika l-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.2a Nispjega t-tħaddim tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. | 14.3a Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi tal-ħoss f'test letterarju. |
| 14.1b Nidentifika l-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.2b Nispjega t-tħaddim tal-elementi figurattivi f'test letterarju. | 14.3b Nanalizza l-effetti u l-funzjonijiet tal-elementi figurattivi f'test letterarju. |
| 14.1ċ Nidentifika l-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.2ċ Nispjega t-tħaddim tal-elementi strutturali f'test letterarju. | 14.3ċ Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi strutturali f'test letterarju. |
| 14.1d Nidentifika l-elementi retoriċi f'test letterarju. | 14.2d Nispjega t-tħaddim tal-elementi retoriċi f'test letterarju. | 14.3d Nanalizza l-effetti u l-funzjoni/jiet tal-elementi retoriċi f'test letterarju. |
| 14.1e Nidentifika kwalitajiet stilistiċi simili u differenti f'żewġ testi letterarji. | 14.2e Inqabbel żewġ testi letterarji flimkien b'referenza għall-elementi stilistiċi tagħhom. | 14.3e Nanalizza kif l-elementi stilistiċi varji jaħdmu u jħallu effett f'żewġ testi letterarji mqabblin flimkien. |

# L-Iskema tal-Assessjar

## Kandidati tal-Iskola

L-assessjar jikkonsisti minn żewġ karti: L-Ewwel Karta u t-Tieni Karta. L-Ewwel Karta tikkonsisti minn assessjar ibbażat fl-iskola mhux moderat. Dan ix-xogħol għandu jiġi ssettjat u assessjat mill-iskola. It-Tieni Karta tikkonsisti f'karta li ssir fl-aħħar sena tas-sekondarja.

**School Based Assessment (SBA):** huwa kwalunkwe tip ta' assessjar issettjat mill-iskola magħmul skont is-sillabu taċ-ĊES li se jkun qed jirrefletti l-livell finali milħuq fis-suġġett.

**Il-Karta Controlled:** hija eżami bil-kitba ta' sagħtejn u oral ta' għaxar minuti issettajt fl-aħħar tal-programm u varjat fuq żewġ livelli:

a. Livelli 1 u 2;
b. Livelli 2 u 3.

Il-kandidati jridu jissodisfaw lill-eżaminaturi fl-Ewwel u fit-Tieni Karta sabiex jiksbu livell ogħla minn livell 1.

**L-Ewwel Karta – School-Based Assessment: (30% tal-marka totali)**

L-SBA se jiġi mmarkat minn 100 marka kull sena (9, 10 u 11). L-assessjar għal kull sena se jkopri 10% tal-marka globali u l-iskola se tagħti l-marka lill-MATSEC fl-aħħar sena tas-sekondarja. Għaldaqstant, il-marka ta' kull sena se tkun qed tikkontribwixxi għall-marka finali tal-SBA. L-SBA jrid jirrifletti is-sillabu tal-MATSEC fid-9 sena, l-10 sena u 11-il sena.

L-SBA jista' jinqasam f'żewġ kategoriji:

- L-SBA fil-Livell 1-2 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn iż-żewġ livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 40% f'Livell 1 u ta' 60% f'Livell 2;
- L-SBA fil-Livell 1-2-3 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn it-tliet livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 30% f'Livell 1 u 2 u ta' 40% f'Livell 3;
- Il-marka tal-SBA ppreżentata f'Livell 1-2 għall-kwalifika f'Livell 2-3 se tkun ikkalkulata minn 60% tal-marka oriġinali. Il-marka tibqa' kif inhi f'kwalunkwe każ ieħor.

**It-Tieni Karta – Il-Karta Controlled (70% tal-marka totali)**

**L-Eżami (100 marka; sagħtejn + 10 minuti taħdit)**

**Il-Karta Controlled se:**

- tkopri l-kisibiet kollha anke dawk li mhumiex indikati li se jiġu assessjati fl-SBA;
- immarkata minn 100.

Id-dettalji dwar l-assessjar jinsabu fl-Appendiċi.

Din it-tabella valida kemm għall-Kandidati tal-Iskola kif ukoll għall-Kandidati Privati.

- It-Taħdit (8.4%) - 12-il marka
- Il-Kitba (15.4%) - 22 marka
- Il-Qari (15.4%) - 22 marka
- Il-Metalingwa (15.4%) - 22 marka
- Il-Letteratura - Unseen u Preskrittiv* (15.4%) - 22 marka

***Ix-xogħlijiet preskritti huma misjubin fl-antoloġija letterarja; il-lista ta' testi tinsab fir-raba' appendiċi.**

## Kandidati Privati

Il-Kandidati Privati mhumiex mistennija jagħmlu l-SBA bħall-Kandidati tal-Iskola. Il-Kandidati Privati għandhom jagħmlu Karta Controlled oħra minflok l-SBA. Il-Kandidati Privati se jiġu assessjati permezz ta' **ŻEWĠ** Karti Controlled, it-tieni waħda tkun dik komuni ma' tal-Kandidati tal-Iskola.

**L-Ewwel Karta tal-Kandidati Privati (30% tal-marki totali)**

**L-Eżami (100 marka; karta ta' sagħtejn)**

L-Ewwel Karta tal-Kandidati Privati se tkun eżami bi tliet Livelli 1, 2 u 3 kif indikat mis-sillabu tal-MATSEC. L-assessjar se jkun ibbażat fuq il-kisbiet indikati fis-sillabu għall-SBA.

Il-kisbiet u l-kriterji tal-assessjar jiffukaw fuq il-ħiliet se jiġu assessjati b'mistoqsiijiet permezz tal-kitba b'għan li juru l-fehim tal-kandidati.

It-Tieni Karta hija komuni mat-tieni karta li se jkollhom il-Kandidati tal-Iskola.

- Is-Smigħ (6%) - 20 marka
- Il-Qari (6%) - 20 marka
- Il-Kitba (6%) - 20 marka
- Il-Metalingwa u l-Ortografija (6%) - 20 marka
- Il-Letteratura Preskrittiva* (6%) - 20 marka

***Ix-xogħlijiet preskritti huma misjubin fl-antoloġija letterarja; il-lista ta' testi tinsab fir-raba' appendiċi.**

**Il-Karta Controlled II (70%)**

(Kemm għall-Kandidati tal-Iskola kif ukoll għall-kandidati privati)

- It-Taħdit (8.4%) - 12-il marka
- Il-Kitba (15.4%) - 22 marka
- Il-Qari (15.4%) - 22 marka
- Il-Metalingwa (15.4%) - 22 marka
- Il-Letteratura - Unseen u Preskrittiv* (15.4%) - 22 marka

***Ix-xogħlijiet preskritti huma misjubin fl-antoloġija letterarja; il-lista ta' testi tinsab fir-raba' appendiċi.**

# L-Appendiċi

**L-Ewwel Appendiċi – Il-Karta Controlled II**

| **Ħila** | **Livell 1-2** | **Livell 2-3** |
|---|---|---|
| | **40% Livell 1 + 60% Livell 2** | **40% Livell 2 + 60% Livell 3** |
| **It-Taħdit**<br>**12-il marka**<br>**(10 minuti)** | • Taqsima A – Qari b'vuċi għolja (2 marki)<br>• Taqsima B – Wieġeb il-mistoqsijiet (5 marki)<br>• Taqsima Ċ – Diskussjoni fuq stampa (5 marki) | • Taqsima A – Qari b'vuċi għolja (2 marki)<br>• Taqsima B – Wieġeb il-mistoqsijiet (5 marki)<br>• Taqsima Ċ – Diskussjoni fuq stampa (5 marki) |
| **Il-Qari**<br>**22 marka** | • Silta ta' 300 kelma u mhux aktar minn 350;<br>• Taqsima b'8 mistoqsijiet. | • Silta ta' 300 kelma u mhux aktar minn 350;<br>• Taqsima b'8 mistoqsijiet. |
| **Il-Kitba**<br>**22 marka** | • Ġeneri differenti japplikaw għal kitbiet differenti;<br>• Dejjem għandha tingħata għażla ta' erba' titli (titlu għal kull tip ta' kitba);<br>• Il-ġeneru tal-kitba jrid jissemma f'kull titlu;<br>• Numru ta' kliem mitlub huwa bejn 240-270 kelma. | • Ġeneri differenti japplikaw għal kitbiet differenti;<br>• Dejjem għandha tingħata għażla ta' erba' titli (titlu għal kull tip ta' kitba);<br>• Il-ġeneru tal-kitba jrid jissemma f'kull titlu;<br>• Numru ta' kliem mitlub huwa bejn 270-300 kelma. |
| **Il-Metalingwa**<br>**22 marka** | • Morfoloġija (għajnuna fil-parentesi għal xi tweġibiet*)<br>- aqra s-silta u wieġeb;<br>- għażliet multipli (agħżel it-tajba);<br>- imla l-vojt skont il-kuntest*;<br>- tinqija u islet/sib mit-test.<br>• Semantika<br>- agħżel kelma oħra flok;<br>- agħżel it-tifsira/ir-raġuni;<br>- aqta' linja taħt it-tajba;<br>- agħżel il-qasam li jorbot it-tifsira ta' dan il-kliem. | • Morfoloġija<br>- aqra s-silta u wieġeb;<br>- għażliet multipli (agħżel it-tajba);<br>- imla l-vojt skont il-kuntest;<br>- tinqija u islet/sib mit-test.<br>• Semantika<br>- agħżel kelma oħra flok;<br>- agħżel it-tifsira/ir-raġuni;<br>- aqta' linja taħt it-tajba;<br>- agħżel il-qasam li jorbot it-tifsira ta' dan il-kliem. |
| **Il-Letteratura**<br>**22 marka** | • Test mhux imħejji (unseen)<br>- Test letterarju (novella/poeżija/poe-proża) m'għandux jaqbeż il-200 kelma; | • Test mhux imħejji (unseen)<br>- Test letterarju (novella/poeżija/poe-proża) m'għandux jaqbeż il-200 kelma; |

| | | |
|---|---|---|
| | - Test letterarju magħżul għandu jkun relevanti għall-kandidati;<br>- Eżerċizzju b’4 mistoqsijiet.<br>• Komponiment<br>- Għażla bejn żewġ titli fuq l-erba’ taqsimiet tal-antoloġija;<br>- Numru ta’ kliem mitlub huwa ta’ madwar 150 kelma. | - Test letterarju magħżul għandu jkun relevanti għall-kandidati;<br>- Eżerċizzju b’4 mistoqsijiet.<br>• Komponiment<br>- Għażla bejn żewġ titli fuq l-erba’ taqsimiet tal-antoloġija;<br>• Numru ta’ kliem mitlub huwa ta’ madwar 200 kelma. |

**It-Tieni Appendiċi – Il-Karta Controlled I (Kandidati Privati)**

| **Ħila** | **Livell 1-2-3** |
|---|---|
| | **30% Livell 1 + 30% Livell 2 + 40% Livell 3** |
| **Is-Smigħ**<br><br>**20 marka** | • Silta ta' 300 kelma u mhux aktar minn 350;<br>• Taqsima b'8 mistoqsijiet. |
| **Il-Qari**<br><br>**20 marka** | • Silta ta' 300 kelma u mhux aktar minn 350;<br>• Taqsima b'8 mistoqsijiet. |
| **Il-Kitba**<br><br>**20 marka** | • Ġeneri differenti japplikaw għal kitbiet differenti;<br>• Dejjem għandha tingħata għażla ta' erba' titli (titlu għal kull tip ta' kitba);<br>• Il-ġeneru tal-kitba jrid jissemma f'kull titlu;<br>• Numru ta' kliem mitlub huwa bejn 240-300 kelma. |
| **Il-Metalingwa**<br><br>**20 marka** | • Morfoloġija (għajnuna fil-parentesi għal xi tweġibiet*)<br>- aqra s-silta u wieġeb;<br>- għażliet multipli (agħżel it-tajba);<br>- imla l-vojt skont il-kuntest*;<br>- tinqija u islet/sib mit-test.<br>• Ortografija<br>- aqra s-silta u wieġeb;<br>- għażliet multipli (agħżel it-tajba);<br>- imla l-vojt skont il-kuntest;<br>- immarka l-iżball u iktbu tajjeb u agħti r-raġuni. |
| **Il-Letteratura**<br><br>**20 marka** | • Referenza għal kuntest fuq xogħol letterarju mill-antoloġija<br>- Seba' mistoqsijiet;<br>- Waħda mit-tweġibiet tinkludi kitba fit-tul. |

**It-Tielet Appendiċi**

**It-Termini Letterarji għaċ-ĊES tal-Malti**

Din il-lista tindika t-termini letterarji li l-kandidati huma mistennija ikunu jafu meta jersqu għall-SBA u għall-eżami.

Mhux mistennija li kandidati jkunu jafu dettalji żejda fuq it-terminoloġija għax dan ixekkel l-iskop estetiku u funzjonali tat-termini fit-tiswir tax-xogħol. L-iskop ewlieni huwa l-apprezzament ta' dawn il-mekkaniżmi li jagħmlu d-diskors letterarju differenti minn dak ta' kuljum, u l-kandidati huma mħeġġa jiddiskutu l-effetti tagħhom fuqhom infushom u fuq ix-xogħol inġenerali. **Għandha tingħata importanza lil-letterarjetà tat-test.**

| L-Elementi tal-Ħoss | L-Elementi Figurattivi | L-Elementi Retoriċi | L-Elementi Strutturali |
|---|---|---|---|
| L-alliterazzjoni | Il-metafora | Ir-ritornell | L-asindeto |
| L-eliżjoni | Il-personifikazzjoni | L-anafora | Iċ-ċesura |
| Il-metru: il-vers regolari | Is-sineddoke | L-epiżewski | L-enjambment |
| Il-metru: il-vers ħieles/irregolari | Is-similitudni | L-anadiplosi | Id-djalogu |
| L-onomatopea | | L-antiteżi | Il-paralleliżmu |
| Ir-rima (l-għarfien tagħha) | | L-apostrofi | Il-polisindeto |
| Ir-rima mbewsa | | L-ewfemiżmu | Referenza/tqabbil ma' xogħol ieħor |
| Ir-rima mqabbża | | L-iperbole | L-istrofa |
| Ir-rima alternata | | L-ironija | Il-vokabularju magħżul (ir-reġistru) |
| Ir-rima interna | | Il-mistoqsija retorika | Il-plott |
| Ir-rima ħielsa | | Il-paradoss | Il-karatterizzazzjoni |
| | | Is-sarkażmu | L-ambjentazzjoni |
| | | It-ton tal-poeżija/proża | Il-ġrajja |
| | | | Is-sottotema |
| | | | Is-sottoplott |
| | | | It-tema |

*Dawk li huma mmarkati bl-isfar għandhom isiru fil-livell 3.

**Ir-Raba' Appendiċi – testi fl-antoloġija *'Hemm Art fil-Folja'***

**Taqsima A: Dun Karm[1]**

1. Żagħżugħ ta' Dejjem
2. Għaliex? – Jedd il-Lsien Malti
3. Waħdi

**Taqsima B: Novelli**

1. Trevor Żahra - Il-Ħrafa ta' www.kullkulur.com
2. Joe Friggieri - Qsari tal-Fuħħar
3. Walid Nabhan - Il-Mutu
4. Rita Saliba - Farrett
5. Pierre J. Meilak - Il-Mejda tal-Mogħdija

**Taqsima Ċ: Siltiet mir-Rumanzi**

1. Nazju Ellul - Kapitlu 9
2. Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka - Kapitlu 1
3. L-Ibleh - Kapitlu 20 (minn paġna 20 sa paġna 25)
4. Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ - Kapitlu 14
5. Magna Mater - Kapitlu 2

**Taqsima D: Poeżiji**

1. Rużar Briffa - Mill-Ġdid Poeta
2. Ġorġ Pisani - Għar Dalam
3. Anton Buttigieg - Lilia Agri
4. Karmenu Vassallo - Ħbiebi
5. Victor Fenech - F'Altamira Żewġ Barrin
6. Immanuel Mifsud - Il-Ktieb
7. Clare Azzopardi - Din Gżira Niexfa
8. Simone Galea - Lezzjoni
9. Maria Grech Ganado - Ħuta
10. Marjanu Vella - Ħitan tas-Sejjieħ
11. Lillian Sciberras - Bħal Minutiera

[1] It-tliet poeżiji ta' Dun Karm fit-Taqsima A se jiġu assessjati flimkien mal-poeżiji misjuba f'Taqsima D.

**Tista' taċċessa l-antoloġija minn dawn il-ħoloq li ġejjin:**

1. **Taqsima A: Dun Karm** - https://www.um.edu.mt/matsec/current-session/subjectspecificnotices/syllabiappendices/malti_antologija_a/

2. **Taqsima B: Novelli** - https://www.um.edu.mt/matsec/current-session/subjectspecificnotices/syllabiappendices/malti_antologija_b/

3. **Taqsima Ċ: Siltiet mir-Rumanzi** - https://www.um.edu.mt/matsec/current-session/subjectspecificnotices/syllabiappendices/malti_antologija_c/

4. **Taqsima D: Poeżiji** - https://www.um.edu.mt/matsec/current-session/subjectspecificnotices/syllabiappendices/malti_antologija_d/

**Il-Ħames Appendiċi**

**A. Il-Ġeneri tal-Kitba**

Ġeneri differenti japplikaw għal kitbiet differenti.

**Intervista**

- X'inhi intervista?

L-intervista tinkiteb f'format ta' mistoqsija u tweġiba. L-għan tal-intervista huwa li tipprovdi tagħrif lill-qarrej dwar is-suġġett/sitwazzjoni/personaġġ li fuqu tkun l-intervista. Barra minn hekk, il-kwalità tal-intervista titkejjel b'kemm jirnexxilha tindirizza l-informazzjoni li jixtieq jikseb il-qarrej/semmiegħ.

- L-intervistatur se jkun qed jidher bħala **M** (għal mistoqsija) u min qed jiġi intervistat se jkun qed jidher taħt **T** (għal tweġiba). Wara l-ittri għandhom isiru ż-żewġ punti;
- Min se jintervista għandu jkun infurmat fuq dak li ħa jsaqsi u t-ton użat waqt l-intervista jrid ikun wieħed formali;
- Trid ssir introduzzjoni mill-intervistatur dwar persuna/sitwazzjoni/suġġett qabel jidħol għall-mistoqsijiet u għandu jkun hemm taħlita ta' mistoqsijiet magħluqa u miftuħa li jorbtu mal-għan tal-intervista. Għall-mistoqsijiet magħluqa għandha tintalab raġuni;
- L-intervistatur għandu jsaqsi l-mistoqsijiet b'ordni loġika u t-tweġibiet kollha li tagħti l-persuna intervistata jridu jkunu diretti;
- L-intervistatur jista' jagħti reazzjoni għal dak li ġie mwieġeb fil-parti tal-mistoqsija li jmiss;
- L-intervista tispiċċa b'konklużjoni biex l-intervistatur juri l-għeluq tagħha.

**Djalogu**

- X'inhu djalogu?

Djalogu huwa diskussjoni b'mod dirett bejn tnejn min-nies jew aktar.

- Importanti li d-djalogu jinbeda b'introduzzjoni. Dan għaliex tgħin lill-qarrej jifhem aħjar il-kuntest li fih qed isir dan il-ġeneru;
- Ikteb l-isem ta' wieħed mill-karattri li jkun se jibda jitkellem u wara ismu agħmel żewġ punti (:). Wara ż-żewġ punti ibda ikteb id-diskors dirett li se jgħid il-kelliem. Qis li meta taqleb għal kelliem ġdid, tibda linja ġdida, u rrepeti l-istess proċess;
- Jekk id-djalogu jkun parti minn kitba fit-tul, dan irid isir bl-użu tal-virgoletti u sinjali oħra tal-punteġġjatura li jkun hemm bżonn f'diskors dirett;
- Id-djalogu jispiċċa b'konklużjoni biex jintwera li l-konverżazzjoni ntemmet.

**Proċess**

- X'inhu proċess?

Proċess huwa sensiela ta' azzjonijiet jew passi li jridu jittieħdu fuq medda ta' żmien sabiex xi ħaġa tkun kompluta.

- Il-proċess irid ikun ċar u jagħti d-dettalji meħtieġa mingħajr tul żejjed;
- Il-proċess jista' jkun miktub f'lista jew f'sensiela ta' paragrafi u l-importanti li kollox jinkiteb f'sekwenza kronoloġika;
- Il-proċess irid juri eżatt il-punt tat-tluq u l-punt fejn wieħed irid jasal;
- Il-prodott finali jkun ir-riżultat ta' ħafna fażijiet marbuta flimkien, fejn kull fażi hija dipendenti fuq oħra;
- Dan il-ġeneru jista' jinkiteb kemm fl-imperfett, fil-perfett kif ukoll fil-futur. L-importanti li wieħed ikun konsistenti fl-użu tat-temp tul il-proċess kollu;

**Taħdita għal Okkażjoni**

- X'inhi taħdita formali?

Diskors ippreparat u miktub minn qabel li jittratta suġġett partikolari. Ġeneralment dan jinqara minn persuna waħda.

- Tinkiteb b'Malti mexxej b'tali mod li l-persuna qiegħda titkellem mal-udjenza;
- Wieħed irid iżomm f'moħħu t-tul ta' ħin stipulat u ġeneralment taħdita tkun iffukata fuq suġġett wieħed partikolari;
- L-introduzzjoni għandha tinkludi tislima, filwaqt li l-konklużjoni tinkludi ringrazzjament u dan il-ġeneru jista' jinqasam f'paragrafi skont il-ħtieġa;

**Editorjal**

- X'inhu editorjal?

L-editorjal jinkiteb fuq suġġett partikolari li fih jingħataw opinjonijiet, riflessjonijiet jew punti kritiċi fuqu. Dan jinkiteb minn editur ta' gazzetta, rivista jew pubblikazzjoni oħra. L-għan tal-editur huwa li jgħarraf u jikkonvinċi lill-qarrej jaqbel ma' dak li hu jkun qed jargumenta dwaru.

- L-editorjal irid ikollu titlu konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;
- Editorjal kredibbli jkun ibbażat fuq riċerka u fatti;
- Fl-editorjal għandu jkun hemm l-opinjoni editorjali;
- L-editorjal jirrifletti fuq il-preżent u jista' jkun hemm referenzi għall-passat. Għalhekk għandu jinkiteb fl-imperfett u jkun maqsum f'paragrafi;
- Fuq in-naħa t'isfel tal-editorjal fuq ix-xellug għandu jinkiteb **L-Editur**.

**Rapport**

- X'inhu rapport?

Ir-rapport jagħti informazzjoni speċifika fuq xi ħaġa li ġrat.

- It-titlu jrid ikun konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;
- Taħt it-titlu fuq in-naħa tax-xellug għandhom jinkitbu l-post u d-data sħiħa ta' dakinhar;
- Ir-rapport għandu jinkiteb fit-tielet persuna singular/plural fil-perfett jew fil-forma passiva u għandu jkun maqsum f'paragrafi;
- Min qed jirrapporta qatt ma għandu jsemmi l-ħsibijiet jew l-opinjonijiet tiegħu;
- Fl-aħħar tar-rapport fuq in-naħa tax-xellug għandu jitniżżel l-isem fittizju mogħti ta' min qed jirrapporta.

**Reċensjoni**

- X'inhi reċensjoni?

Reċensjoni hija evalwazzjoni ta' ktieb jew film b'kummenti analitiċi dwar il-prodott li tkun qrajt jew rajt.

- Irid jinkiteb fl-ewwel persuna fl-imperfett;
- Jingħata titlu bl-isem tal-ktieb/film u sottotitlu konċiż li jqanqal kurżità għar-reċensjoni;
- Tinkiteb introduzzjoni ġenerali dwar it-titlu u l-ġeneru tal-ktieb/film u jitniżżel għal liema udjenza huwa mmirat il-ktieb/film;
- Jingħad min hu/huma:

| | |
|---|---|
| l-awtur tal-ktieb, il-karattri prinċipali u meta ħareġ il-ktieb | id-direttur tal-film, l-attur/attriċi/atturi prinċipali u meta ħareġ il-film |

- Jinkiteb sommarju tal-ktieb/film imma ma tinkixifx l-istorja kollha;
- Jingħataw ir-reazzjonijiet u l-opinjonijiet dwar il-ktieb/film (tista' tinkludi kummenti fuq il-karattri, l-ambjent tal-istorja, il-lessiku/reġistru użat u x'tip ta' mużika tintuża);
- Bħala għeluq tinkiteb il-perċezzjoni dwar il-ktieb/film u lil min jiġi ssuġġerit.

**Artiklu Argumentattiv**

- X'inhu artiklu argumentattiv?

Artiklu argumentattiv huwa kitba bbażata fuq fatti u riċerka li tinstiga diskussjoni dwar suġġett partikolari bl-għan li tipperswadi lill-qarrej li dak li qed jingħad huwa minnu. Dan jinkiteb minn artikolista f'gazzetta jew rivista.

- It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;
- Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista u l-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali;
- It-ton irid ikun kalm, formali, raġunat u persważiv;
- L-iżvilupp jippreżenta l-argumenti b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' argumenti opposti;

- L-artiklu jinqasam f'paragrafi u jista' jinkiteb fl-ewwel persuna imperfett u fit-tielet persuna fl-imperfett;
- Il-konklużjoni għandha tagħti l-opinjoni tiegħek dwar is-suġġett.

**Artiklu ta' Opinjoni**

- X'inhu artiklu ta' opinjoni?

Artiklu ta' opinjoni huwa kitba bbażata fuq l-opinjonijiet personali dwar suġġett partikolari bl-għan li jagħti vuċi lil kull min jaqbel miegħu. Dan jinkiteb minn artikolista f'gazzetta jew rivista.

- It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;
- Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista;
- L-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali u t-ton irid jittrasmetti l-entużjażmu tal-artikolista;
- L-iżvilupp jippreżenta l-opinjonijiet b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' ħsibijiet opposti;
- L-artiklu ta' opinjoni jinqasam f'paragrafi u jista' jinkiteb fl-ewwel persuna imperfett u fit-tielet persuna fl-imperfett;
- Il-konklużjoni trid issaħħaħ l-opinjoni ewlenija tal-artikolista.

**Rakkont Fattwali**

- X'inhu rakkont fattwali?

Kitba fattwali tirrakkonta ġrajja li ġrat tassew u tagħti xi tip ta' informazzjoni reali. L-istil irid ikun ta' xeħta narrattiva u deskrittiva.

- Rakkont għandu jkun maqsum f'paragrafi;
- L-introduzzjoni trid tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej filwaqt li l-konklużjoni trid tagħlaq l-istorja;
- Il-karattri, l-ambjentazzjoni (il-post, iż-żmien u s-soċjetà) u s-sitwazzjonijiet li jissemmew iridu jkunu reali u veritiera, sabiex jiġu deskritti bl-aħjar mod possibbli;
- Irid ikun hemm żvilupp kronoloġiku; sensiela ta' ġrajjiet wara xulxin u kull waħda twassal għall-oħra, biex ikun hemm korrettezza mal-fatti;
- Jinkiteb fl-ewwel jew fit-tielet persuna fil-perfett.

**Rakkont Fittizju**

- X'inhu rakkont fittizju?

Kitba fittizja hija mżewqa bl-immaġinazzjoni, fejn il-kittieb se jkun aktar liberu u kreattiv.

- Rakkont għandu jkun maqsum f'paragrafi;
- L-introduzzjoni trid tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej filwaqt li l-konklużjoni trid tagħlaq l-istorja;

- Id-deskrizzjonijiet ħajjin tal-karattri, tal-ambjentazzjoni (il-post, iż-żmien u s-soċjetà) u s-sitwazzjonijiet iridu jinsiltu mid-dinja immaġinattiva;
- Irid ikun hemm nisġa/plott li t/jagħmel sens;
- Għalkemm il-kittieb jista' jkun kreattiv, ma jridx jitlef lill-qarrej fir-rakkont imma għandu jżommu interessat u fuq ix-xwiek;
- Jinkiteb fl-ewwel jew fit-tielet persuna fl-imperfett jew fil-perfett.

**Kitba ta' djarju**

- X'inhi kitba ta' djarju?

Djarju hija kitba personali u riflessiva fejn tikteb il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet dwar ħajtek.

- Importanti li fuq ix-xellug, qabel il-kitba nnifisha, jinkitbu d-data tal-ġurnata kif ukoll il-ħin;
- It-tislima trid tkun hekk: **Għażiż Djarju,**;
- Il-kitba ta' djarju għandha tkun maqsuma f'paragrafi u l-kontenut jista' jkun reali jew fittizju;
- Il-kitba tal-ġurnata tingħalaq b'tislija fuq ix-xellug u d-djarju jrid jinkiteb fl-ewwel persuna fl-imperfett jew fil-perfett.

**Awtobijografija**

- X'inhi awtobijografija?

Fl-awtobijografija, il-kittieb jikteb dwaru u l-iżvilupp tiegħu f'esperjenzi li ġarrab f'ħajtu.

- Tinkiteb fl-ewwel persuna u jissemma tagħrif fuq il-ħajja tal-kittieb;
- Jissemmew aspetti speċjali u interessanti dwaru;
- Jintużaw aġġettivi biex jiddeskrivu aħjar lill-kittieb;
- Isiru referenzi għal xi suċċessi, esperjenzi u sfidi speċifiċi li kellu f'ħajtu.

**Bijografija**

- X'inhi bijografija?

Il-bijografija tinvolvi numru ta' fatti dwar il-ħajja ta' persuna.

- Tinkiteb fit-tielet persuna;
- Jinkitbu fatti fuq il-ħajja tal-persuna;
- Jissemmew aspetti speċjali u interessanti dwarha;
- Jingħad x'inhu l-effett li jħalli fuq min qed jikteb il-bijografija u/jew fuq is-soċjetà;
- Jintużaw aġġettivi biex jiddeskrivi aħjar lil din il-persuna;
- Isiru referenzi għal xi suċċessi, esperjenzi u sfidi speċifiċi li kellha f'ħajjitha.

**Ittra Formali**

- X'inhi ittra formali?

L-ittra formali tinkiteb lil xi ħadd li m'għandekx kunfidenza miegħu jew f'sitwazzjoni li hi formali.

- F'ittra formali jrid jkun hemm żewġ indirizzi fuq ix-xellug: dak ta' min qiegħed jikteb u dak ta' min se jirċievi l-ittra u tinkiteb id-data taħt l-indirizzi;
- Fit-tislima ma jitniżżilx l-ewwel isem; minflok niktbu Għażiż/a u l-kunjom jew il-kariga ta' min se jirċievi l-ittra.
- L-ittra trid tinkiteb f'paragrafi;
- Fl-aħħar ikun hemm it-tislija bil-firma taħtha, u l-isem u l-kunjom ta' min qed jikteb taħt il-firma.

**Ittra Informali**

- X'inhi ittra informali?

L-ittra informali tinkiteb lil xi ħadd li għandek kunfidenza miegħu, ngħidu aħna membru tal-familja jew ħabib.

- Jinkiteb l-indirizz ta' min qiegħed jikteb fuq ix-xellug u tinkiteb id-data taħtha;
- Fit-tislima niktbu Għażiż/a u jitniżżel l-ewwel isem;
- L-ittra trid tinkiteb f'paragrafi u fl-aħħar ikun hemm it-tislija u l-isem u ta' min qed jikteb.

**Ittra Elettronika**

- X'inhi ittra elettronika?

L-ittra elettronika tista' tkun kemm formali, kif ukoll informali. Dan jiddependi mill-iskop tal-ittra u lil min se tintbagħat.

- Tinkiteb l-informazzjoni t'hawn taħt;

**Lil**: L-indirizz elettroniku ta' min se jirċievi l-ittra
**Mingħand**: L-indirizz elettroniku ta' min qed jikteb
**Data**: Eż. Id-19 ta' Mejju 2021
**Suġġett**: Is-suġġett li jagħti idea dwar xiex inhi l-ittra
...........................................................................................................
...........................................................................................................
...........................................................................................................

- Tinkiteb it-tislima skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali);
- L-ittra elettronika trid tinqasam f'paragrafi u t-tislija ssir skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali).

**B. Titli ta' komponimenti biex juru kif ġeneru/i partikolari jistgħu jaqgħu taħt tipi differenti ta' kitba**

**Tliet eżempji ta' ġeneri**:

**Ittra**

1. Ilbieraħ int u familtek mortu ġurnata Għawdex. Ikteb ittra lil ħuk, li bħalissa jinsab barra minn Malta u ma setax ikun magħkom. Irrakkonta x'għamiltu u kif għaddejtu l-ġurnata. – **narrattiva**
2. Il-parroċċa ta' Ħ'Attard se torganizza pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza. Inzerta li zijuk jinsab hemm fuq xogħol volontarju. Ikteb ittra lilu biex tiddeskrivilu kif qed tħossok u x'se tagħmel ladarba tkun hemm, u se tiltaqa' miegħu. – **deskrittiva**
3. Ikteb ittra lill-Kunsill Lokali li fiha tagħti l-argumenti tiegħek dwar il-ġbir tal-iskart fil-lokalità bil-ħsieb, li dawn l-argumenti tiegħek, iservu ta' spunt għad-diskussjoni waqt il-laqgħa tal-kunsill dwar dan is-suġġett. – **argumentattiva**
4. Bħalissa għaddej fuq riċerka impenjattiva dwar il-logħob tradizzjonali Malti. Ikteb ittra lill-ħabib antik tiegħek sabiex tinformah b'sejba importanti li għadek kif skoprejt, filwaqt li tgħarrfu b'dak li qed tagħmel. – **espożitorja**

**Rapport**

1. Waqt il-partita li seħħet bejn Malta u l-Italja, inqala' argument sħun bejn is-sapporters Taljani u Maltin. Ikteb rapport għall-paġna tiegħek ta' *Facebook* sabiex tiddeskrivi dan l-inċident. – **deskrittiva**
2. Tfajt suspett fuq żewġ persuni li kienu qegħdin jagħmlu xi ħaġa irregolari fi stabbiliment kbir. Mort l-għassa u l-pulizija talbuk tikteb rapport biex tirrakkonta f'dettall dak li rajt. – **narrattiv**

**Dan il-ġeneru ma jaqax taħt it-tip ta' kitba argumentattiva u espożitorja.**

**Taħdita**

1. Wasalt fl-aħħar sena tas-sekondarja u l-Kap tal-Iskola talbek tgħid kelmtejn għall-Jum iċ-Ċelebrazzjoni. Ikteb taħdita sabiex tiddeskrivi l-ħames snin tiegħek fl-iskola sekondarja. – **deskrittiva**
2. Għadek kif mort sajf volontarjat, u l-Kappillan talbek tagħmel taħdita lill-parruċċani biex tirrakkonta l-esperjenza tiegħek ġewwa l-missjoni fl-Afrika. – **narrattiv**
3. L-ispeaker tal-Parlament stieden lilek f'isem l-iskola sabiex tipparteċipa f'sessjoni parlamentari li se tittratta liż-żgħażagħ u l-edukazzjoni. Ikteb taħdita fejn inti se targumenta dwar l-użu tal-uniformi u s-sikkatura żejda fl-iskejjel. – **argumentattiva**
4. Immaġina li inti ambjentalista, u l-organizzazzjoni volontarja li tħares l-għasafar talbuk tagħmel taħdita, biex tinforma lill-pubbliku inġenerali, li se jattendi għall-attività mħejjija minnhom, dwar l-ispeċi ta' għasafar li nsibu f'Malta u kif għandhom jieħdu ħsieb l-ambjent naturali. – **espożitorja**

**Is-Sitt Appendiċi: Il-Metalingwa**

Din hija linja gwida tal-metalingwa marbuta ma' kisba numru 10. Huwa importanti għal kull kelliem Malti li jħaddem tajjeb u jaħkem sewwa dan il-qasam ewlieni fil-lingwa.

| Il-Morfoloġija | Is-Semantika |
|---|---|
| L-affissi | Id-diskors figurattiv/metaforiku |
| L-aġġettivi | Il-klassifikazzjoni |
| L-alfabett | L-omofoni |
| L-artiklu | L-omografi |
| L-assimilazzjoni | Is-sinonimi |
| Il-forom tal-verb | Tifsir differenti ta' kliem kompost |
| Il-ġens | Użu ta' idjomi u qwiel popolari |
| L-għadd | |
| Il-konsonanti | |
| In-negattiv tal-verb | |
| Il-partiċelli | |
| Il-partiċipju attiv u passiv | |
| Il-possessiv | |
| Il-pronomi | |
| It-tempijiet komposti | |
| It-tempijiet tal-verb | |
| It-tipi ta' nomi | |
| Il-verbi awżiljarji | |
| Il-vokali | |
| Iz-zokk morfemiku | |

**Tipi differenti ta' eżerċizzji tal-Metalingwa**

**Morfoloġija**

1. Aqra s-silta u wieġeb;

2. Agħżel it-tajba;

3. Imla l-vojt skont il-kuntest

- F'Livell 1-2 tingħata gwida f'xi wħud mill-parentesi;
- F'Livell 2-3 ma tingħatax gwida.

4. Tinqija;

5. Islet/sib mit-test.

**Ortografija**

1. Aqra s-silta u wieġeb;

2. Agħżel it-tajba;

3. Imla l-vojt skont il-kuntest;

4. Immarka l-iżball u iktbu tajjeb;

5. Immarka l-iżball u agħti r-raġuni.

**Semantika**

F'dawn l-eżerċizzji dejjem se tingħata għażla u qatt ma hu mistenni li l-kandidati jiktbu kelma sħiħa jew frażi. Il-kandidati huma mitluba jimmarkaw biss.

1. Agħżel kelma oħra flok;

2. Agħżel it-tifsira;

3. Agħżel ir-raġuni;

4. Agħżel it-tajba;

5. Agħżel il-qasam li jorbot it-tifsira tal-kliem.